**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

MALTA

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Alex Camilleri

Vs

Keith Borg – Digiline Electronics

CCT 188/21/MM

Illum, 23 ta' Mejju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-2 ta' Novembru 2021 fejn talab is-somma ta' elf, mitejn u disgha u erbghin Ewro (€ 1249) rappreżentanti l-valur ta' mobile phone ta ghamla IPhone SX Max 256G mixtri minghand Digiline Electronics li kien allegatament difettuz.

Illi permezz ta' risposta datata 17 ta' Marzu 2022, l-intimat wiegeb billi spjega li l-iscreen kellu qasma u kemm il-darba kien ser jirrizulta li hemm fault huwa kien ser isewwielu b'xejn diment li l-iscreen ihallsu r-rikorrenti. Fuq struzzjonijiet tar-rikorrenti l-ebda tiswija ma saret.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti jinsisti illi diga kien hemm okkazjonijiet precedenti fejn il-mobile sofra hsara izda dawn kienu gew indirizzati. Hu jghid li kienet lahqet ghalqet il-garanzija meta ha l-mobile ghand l-intimat minhabba li ma setghax jaqbad lill-istess izda kien bghatlu zewg ittri registrati li qatt ma kienu ngabru.

Min-naha l-ohra Keith Borg jispjega kif il-mobile gie ghandu wara li skadiet il-garanzija u din id-darba kellu l-iscreen imkisser. Minkejja li l-garanzija kienet skadiet hu kien dispost li jekk kemm il-darba tirrizulta fault tal-batterija huwa kien ser jassorbi l-ispiza hu b'dan illi l-ispejjez tal-iscreen ihallashom ir-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jikkunsidra li hemm kunflitt ta' provi. Hu jinnota li r-rikorrenti qed jishaq li l-ilment dwar il-mowbajl inkluz il-batterija jikkoncerna 'software' u ghalhekk il-'performance' tal-istess mowbajl inkluz il-batterija, min-naha l-ohra t-Tribunal jinnota li l-intimat qieghed jghid li l-mowbajl ghandu screen imkisser li ma gietx kontestata mir-rikorrenti.

It-Tribunal jinnota li l-mowbajl ilu jintuza 'l fuq minn sentejn. Jinnota wkoll li l-intimat jghid li l-garanzija kienet skadiet, fatt li m'huwiex kontestat mir-rikorrenti izda jgib id-difiza li ma setghax jaqbad lill-intimat u dan minkejja li sahansitra bghatlu zewg ittri registrati. F'dan il-kaz, l-iktar haga semplici li kellu jaghmel kien li jmur il-hanut qabel ma skadiet il-garanzija, ghal xi raguni ghazel li jmur il-hanut wara.

Illi it-Tribunal jinnota li f'materja daqstant teknika, r-rikorrenti kellu l-opportunitajiet kollha li jitlob il-hatra ta' espert sabiex janalizza l-mowbajl u jirrelata kif solitament isir. L-espert kien ikollu l-opportunita' li janalizza u jevalwa l-mowbajl inkluz il-batterija u jivverifika jekk il-mowbajl huwiex jahdem u jilhaq il-parametri tal-ispecifikazzjonijiet tieghu, u dan specjalment meta l-mowbajl huwa ta' ditta rinomata li facilment tista tigi verifikata ghaliex l-aspettattivi tal-mowbajl inkluz il-batterija huma maghrufa u ppublikati online u specjalment, tenut kont li l-mowbajl ilu jintuza iktar minn sentejn.

Dan qieghed jinghad ukoll ghaliex huwa fatt maghruf li kemm il-*performance* tal-mowbajl u kemm il-batterija tieghu huma affettwati minn fost ohrajn it-temperatura fejn tuzah, l-uzu, it-tul ta' hin, x'tip ta' applikazzjonijiet tuza fuqu fost ohrajn.

Ghaldaqstant, it-Tribunal m'huwiex f'qaghda li jkun jaf jekk il-mobajl inkluz il-batterija kienux fil-fatt difettuzi jew le.

Għalhekk, it-Tribunal ihoss li r-rikkorenti ma jrnexxielux jipprova l-kaz tieghu b'mod sufficjenti u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti għar-raġunijiet premessi.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru